## QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Numru 16**

**Rikors Maħluf Numru 1008/2021 NC**

**L-Avukat Dr Carlo Bisazza**
**fil-kapaċita' tiegħu ta' mandatarju speċjali tas-soċjeta'**
**Eden Isles Corporation Limited reġistrata l-Ġibilterra,**
**numru ta' reġistrazzjoni 115790**

**vs.**

**Is-soċjeta' estera Bluebell B.V.**
**reġistrata l-Curacao numru ta' reġistrazzjoni 119454 (0)**

Illum is-sitta (6) ta' Diċembru 2022

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Maħluf tal-attur l-Avukat Dr Carlo Bisazza fil-kapaċita' tiegħu ta' mandatarju speċjali tas-soċjeta' Eden Isles Corporation Limited (*a fol.* 1 *et seq.*) ippreżentat fit-13 ta' Ottubru 2021 li jgħid hekk:

*"1. Illi s-soċjeta' rikorrenti daħlet f'Affiliate Programs ma' tlett brands operati mis-soċjeta' intimata, senjatament Superbahis, Betboo u Anadolu Casino liema ditti joffru servizzi ta' online gaming kif jirriżulta mil-annessi termini u kundizzjonijiet (Dok. CB 1, Dok. CB2 u Dok. CB3).*

*2. Illi bis-saħħa ta' dawn l-Affiliate Agreements illi jiġu konklużi permezz ta' reġistrazzjoni ta' online Affiliate Sign Up Form, l-affiliate, tintrabat bit-termini u kundizzjonijiet stipulati in konnessjoni ma' kull Affiliate Program individwali, hekk kif għamlet is-soċjeta' attriċi.*

*3. Illi permezz ta' dawn l-arranġamenti, filwaqt li l-Affiliate tintroduċi numru ta' klijenti ġodda illi jkunu jappartjenu lis-soċjeta' intimata, tipparteċipa wkoll fil-qliegħ ġenerat minn dan in-negozju, skont il-kundizzjonijiet miftehma bejn il-partijiet kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

*4. Illi b'konsegwenza ta' negozju online ġenerat bis-saħħa ta' dawn it-tlett Affiliate Programs mmaturaw u hemm dovuta kummissjonjiet versu s-soċjeta' attriċi li sat-30 ta' April 2021 komplessivament jammontaw għas-somma ta' mitejn u sebgħin elf u seba' mija u tmienja u sebgħin Euro (€270,778); kwantu għas-somma ta' mija u erbgħa u tmenin elf u mija u żewġ Ewro (€184,102) dovuta fuq is-Superbahis Affiliate Program minn Ottubru 2018 sa Mejju 2021; disgħa u sebgħin elf u seba' mija u tmienja u disgħin Euro (€79,798) dovuta fuq Betboo Affiliate Program minn Ottubru 2019 sa Mejju 2021 u sitt elef tmien mija u tmienja u sebgħin Euro (€6,878) dovuta fuq Anadolu Casino Affiliate Program minn Marzu 2020 sa April 2021.*

*5. Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet sabiex is-soċjeta' intimata tħallas l-ammonti minnha dovuti, nkluża dik magħmula permezz ta' ittra legali datata 10 ta' Gunju 2021, hija baqgħet inadempjenti.*

*6. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Tgħid għalhekk is-soċjeta' konvenuta għaliex dina l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, m'għandhiex taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:*

*1. Tiddikjara illi s-soċjeta' konvenuta hija debitriċi tas-soċjeta' attriċi fis-somma ta' mitejn u sebgħin elf u seba' mija u tmienja u sebgħin Euro (€270,778) rappreżentanti pagamenti/commissions dovuta lis-socjeta' rikorrenti, kif intqal fuq;*

*2. Tordna u tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma mitejn u sebgħin elf u seba' mija u tmienja u sebgħin Euro (€270,778), lis-soċjeta' rikorrenti bħala pagamenti/commissions dovuta lis-socjeta' attriċi, kollox kif intqal fuq u għar-ragunijiet fuq premessi.*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali dekorribbli sal-jum tal-effettiv pagament kontra s-soċjeta' konvenuta li minn issa hija nġunta għas-subizzjoni."*

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan il-każ.

Rat id-digriet tagħha tas-26 ta' Ottubru 2021 (*a fol.* 28) li permezz tiegħu din il-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għas-seduta tat-30 ta' Novembru 2021 u fejn ġie ordnat li r-Rikors Maħluf jiġi notifikat lis-soċjeta' konvenuta Bluebell B.V. b'għoxrin jum żmien min-notifika biex tressaq ir-Risposta Maħlufa tagħha.

Rat illi minkejja li s-soċjeta' konvenuta Bluebell B.V. ġiet notifikata bil-proċedura tal-pubblikazzjoni u tal-affissjoni mhux talli ħadd ma deher in rappreżentanza tagħha, talli l-istess soċjeta' konvenuta naqset li tippreżenta Risposta Maħlufa fiż-żmien lilha mogħti skont id-digriet tas-26 ta' Ottubru 2021 hawn fuq imsemmi u għalhekk is-soċjeta' konvenuta ġiet meqjusa li hija kontumaċi.

Rat illi minkejja li fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2022 (*a fol.* 123) is-soċjeta' konvenuta Bluebell B.V. ġiet mogħtija żmien sabiex tippreżenta Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha *ai termini* ta' Artikolu

158(10) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, hija baqgħet ma ppreżentat l-ebda Nota ta' Sottomissjonijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel il-Qorti tgħaddi biex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tat-talbiet tas-soċjeta' attriċi hija tal-fehma li l-ewwel tagħmel riferenza għal dak li ngħad fis-sentenza fl-ismijiet **Blye Engineering Co. Ltd vs. Philip Borg Bellanti et** (Numru 273/2003/1) deċiża fit-22 ta' Ġunju 2005 fejn il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) qalet hekk:

> "Magħdud dan, huwa wkoll prinċipju ben stabbilit illi għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi dan ma kellux jinftiehem bħala li hu abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħti fil-kawża u ammetta d-domanda. Sta għall-ġudikant li jeżamina jekk it-talba hix ġustifikata, independentement mill-kontumaċja tal-konvenut. *Vide* Kollez. Vol. XXIX P III p 35".

Illi dan ifisser li l-fatt li s-soċjeta' konvenuta tinsab fi stat ta' kontumacja ma jfissirx illi, b'mod awtomatiku, għandhom jintlaqgħu t-talbiet tas-soċjeta' attriċi. Din il-Qorti xorta waħda għandha r-responsabilita' illi tindaga jekk it-talbiet tas-soċjeta' attriċi humiex ġustifikati jew le, irrispettivament mill-fatt illi s-soċjeta' konvenuta naqset milli tirrispondi għat-talbiet kif dedotti fir-Rikors Maħluf u ħadd ma deher in rappreżentanza tagħha għas-seduti tal-Qorti wara li s-soċjeta' konvenuta ġiet debitament notifikata skont il-liġi.

Illi riferenza ssir għal dak li jipprovdi Artikolu 201 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jaqra hekk:

> "Jekk il-konvenut jew l-avukat tiegħu, jew, fil-kawżi quddiem il-qrati inferjuri, il-konvenut jew l-avukat jew prokuratur legali tiegħu, jonqos li jidher, il-kawża tista' tiġi maqtugħa skont il-liġi fuq l-atti li jkun hemm wara s-

> smiegħ ta' dik ix-xhieda li l-Qorti tista' tqis li tkun meħtieġa, għad li huwa ma jkunx deher".

Illi dan huwa l-każ fil-każ odjern u ġialadarba s-soċjeta' konvenuta ġiet debitament notifikata skont il-liġi bil-proċeduri odjerni u hija ma ppreżenta l-ebda Risposta Maħlufa u la rappreżentant tagħha u lanqas l-avukat tagħha ma dehru l-Qorti għall-kawża odjerna, għalhekk il-Qorti ser tgħaddi sabiex tiddeċiedi l-kawża in eżami skont il-liġi u dan a bażi tal-atti ppreżentati u x-xhieda prodotti mis-soċjeta' attriċi *ai termini* ta' Artikolu 201 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors Maħluf ta' l-Avukat Dr. Carlo Bisazza fil-kapaċita' tiegħu ta' mandatarju speċjali tas-soċjeta' Eden Isles Corporation Limited jingħad is-segwenti:

- is-soċjeta' attriċi daħlet f'*Affiliate Programs* ma' tliet brands operati mis-soċjeta' konvenuta, senjatament Superbahis, Betboo u Anadolu Casino liema ditti joffru servizzi ta' *online gaming* (Dok. "CB 1" sa Dok. "CB 3" – *a fol.* 7 *et seq.*);

- bis-saħħa ta' l-*Affiliate Agreements* illi jiġu konklużi permezz ta' reġistrazzjoni ta' *online Affiliate Sign Up Form*, l-*affiliate* tintrabat bit-termini u kondizzjonijiet stipulati in konnessjoni ma' kull *Affiliate Program* individwali, hekk kif għamlet is-soċjeta' attriċi;

- permezz ta' dawn l-arranġamenti, filwaqt li l-*Affiliate* tintroduċi numru ta' klijenti ġodda illi jkunu jappartjenu lis-soċjeta' konvenuta, tipparteċipa wkoll fil-qligħ ġenerat minn dan in-negozju, skont il-kondizzjonijiet miftehma bejn il-partijiet;

- b'konsegwenza ta' negozju *online* ġenerat bis-saħħa ta' dawn it-tliet *Affiliate Programs* immaturaw u hemm dovuta kommissjonijiet versu s-soċjeta' attriċi li sat-30 ta' April 2021 komplessivament jammontaw għas-somma ta' €270,778:

- in kwantu għas-somma ta' €184,102 dovuta fuq is-Superbahis *Affiliate Program* minn Ottubru 2018 sa Mejju 2021;

- in kwantu għas-somma ta' €79,798 dovuta fuq Betboo *Affiliate Program* minn Ottubru 2019 sa Mejju 2021 u

- in kwantu għas-somma ta' €6,878 dovuta fuq Anadolu Casino *Affiliate Program* minn Marzu 2020 sa April 2021.

Illi fl-istess Rikors Maħluf ta' l-Avukat Dr. Carlo Bisazza fil-kapaċita' tiegħu ta' mandatarju speċjali tas-soċjeta' Eden Isles Corporation Limited jingħad li minkejja li s-soċjeta' konvenuta ġiet interpellata diversi drabi sabiex tħallas l-ammonti minnha dovuti, inkluż permezz ta' ittra legali datata 10 ta' Ġunju 2021, hija baqgħet inadampjenti u li għal din ir-raġuni kellha ssir din il-kawża.

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2022, xehed l-**Avukat Dr. Carlo Bisazza** fil-kapaċita' tiegħu ta' mandatarju speċjali tas-soċjeta' Eden Isles Corporation Limited (*a fol.* 80 *et seq.*) fejn qal li minn komunikazzjoni li għamel mar-rappreżentanti tas-soċjeta' Eden Isles Corporation Limited jirriżulta li l-ammont imsemmi fir-Rikors Maħluf kien għadu kollu dovut u li kien għadu ma tħallas xejn minnu.

Illi fit-23 ta' Novembru 2022 ġie ppreżentat affidavit ta' **Yehuda Dahan** (*a fol.* 83 *et seq.*) fejn beda billi qal li huwa l-*ultimate beneficial owner* tas-soċjeta' attriċi u fejn, fost l-oħrajn, qal x'servizzi toffri s-soċjeta' attriċi u s-soċjeta' konvenuta. Jispjega li s-soċjeta' attriċi daħlet f'*Affiliate Programs* ma' tliet brands operati mis-soċjeta' konvenuta, senjatament Superbahis, Betboo u Anadolu Casino liema ditti joffru servizzi ta' *online gaming*. Jgħid x'kommissjonijiet hemm dovuti mill-*affiliate programs* imsemmija lis-soċjeta' attriċi li komplessivament jammontaw għas-somma ta' €270,778 (€184,102 dovuta fuq is-Superbahis *Affiliate Program*; €79,798 dovuta fuq Betboo *Affiliate Program* u €6,878 dovuta fuq Anadolu Casino *Affiliate Program*).

Illi fit-23 ta' Novembru 2022 ġie ppreżentat ukoll affidavit ta' **Amir Ravkin** (*a fol.* 108 *et seq.*) fejn beda billi qal li huwa l-*Collection and Customer Manager* tas-soċjeta' attriċi. Jagħti dettalji dwar l-*affiliate programs* hawn fuq imsemmija u jispiċċa l-affidavit tiegħu billi jgħid hekk: *"I expect the amount being claimed to be paid back as they continued to do business without respecting their part of the agreement. The amount of €270,778 due by the three brands together is still due to this very day"* (*a fol.* 109).

**Ikkunsidrat**

Illi meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq, inkluż id-dokumenti eżebiti u dak li ngħad minn l-Avukat Dr. Carlo Bisazza fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2022 u kif ukoll dak li ngħad fl-affidavits ta' Yehuda Dahan u Amir Ravkin (inkluż id-dokumenti annessi mal-affidavits tagħhom), il-Qorti jirriżultalha li ġie sodisfaċentement pruvat dak li jingħad mis-soċjeta' attriċi fir-Rikors Maħluf tagħha. B'hekk isegwi li l-Qorti hi sodisfatta li s-soċjeta' attriċi ppruvat il-każ tagħha skont il-liġi u għaldaqstant il-Qorti ser tilqa' ż-żewġ talbiet tas-soċjeta' attriċi hekk kif kontenuti fir-Rikors Maħluf tagħha.

Illi, dwar minn meta għandu jibda jiddekorri l-imgħax fil-kawża odjerna, il-Qorti tinnota li għandu japplika dak li jipprovdi Artikolu 1141(2) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid li l-imgħaxijiet għandhom jgħaddu minn dakinhar illi ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju u dan minkejja li fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni. Fis-sentenza fl-ismijiet **Iris Dalmas vs. Ronnie German et** (Numru 524/2002/1) deċiża fis-16 ta' Marzu 2005, il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) qalet hekk:

> "Għall-iskop tad-dekorriment ta' l-imgħax hu meħtieġ interpellazzjoni formali biex id-debitur jitqiegħed *in mora*. Jiġifieri, *"una interpellazione specifica pel pagamento dei lucri e non una semplice intimazione al debitore di eseguire la sua obbligazione"* (Kollez. Vol. XVI P I p. 84)."

Illi fir-Rikors Maħluf Dr. Carlo Bisazza fil-kapaċita' tiegħu ta' mandatarju speċjali tas-soċjeta' Eden Isles Corporation Limited jgħid li minkejja diversi interpellazzjonijiet sabiex is-soċjeta' konvenuta tħallas l-ammonti minnha dovuta, inkluż dik magħmula permezz ta' ittra legali datata 10 ta' Ġunju 2021, is-soċjeta' konvenuta baqgħet inadempjenti. Apparti l-fatt li din l-ittra legali ma ġietx eżebita mis-soċjeta' attriċi f'dawn il-proċeduri, ma jirriżultax li s-soċjeta' attriċi sejħet lis-soċjeta' konvenuta b'att ġudizzjarju kif imsemmi hawn fuq qabel ma fetħet dawn il-proċeduri biex titħallas dak dovut lilha. Għalhekk ir-Rikors Maħluf għandu jitqies bħala l-att ġudizzjarju *ai fini* ta' Artikolu 1141(2) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi mill-atti tal-kawża jirriżulta li s-soċjeta' konvenuta ġiet notifikata bir-Rikors Maħluf fis-17 ta' Ġunju 2022 wara li ntemmet il-proċedura tan-notifika bil-pubblikazzjoni u l-affissjoni u għalhekk hija minn din id-data li l-Qorti tqis li għandhom jibdew jiddekorru l-imgħaxijiet.[1]

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(1) Tilqa' l-ewwel (1) talba tal-Avukat Dr. Carlo Bisazza fil-kapaċita' tiegħu ta' mandatarju speċjali tas-soċjeta' Eden Isles Corporation Limited u b'hekk tiddikjara illi s-soċjeta' konvenuta Bluebell B.V. hija debitriċi tas-soċjeta' attriċi fis-somma ta' mitejn u sebgħin elf, seba' mija u tmienja u sebghin Euro (€270,778) rappreżentanti pagamenti/*commissions* dovuta lis-socjeta' attriċi kif hawn fuq spjegat;

(2) Tilqa' it-tieni (2) talba tal-Avukat Dr. Carlo Bisazza fil-kapaċita' tiegħu ta' mandatarju speċjali tas-soċjeta' Eden Isles Corporation Limited u b'hekk tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta Bluebell B.V. tħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta'

[1] *Vide* **Matthew Falzon et vs. Alex Mercieca**, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 25 ta' Jannar 2022; **Joseph Pisani et vs. David Mamo et**, Appell Superjuri, 27 ta' Settembru 2019; **George Zammit et vs. Alfred Zammit et**, Appell Superjuri, 31 ta' Mejju 2019.

mitejn u sebgħin elf, seba' mija u tmienja u sebgħin Euro (€270,778) bħala pagamenti/*commissions* dovuta lis-socjeta' attriċi dovuta kif hawn fuq spjegat.

Finalment, il-Qorti tordna li l-ispejjeż kollha marbuta ma' dawn il-proċeduri hekk kif mitluba fir-Rikors Maħluf ta' l-Avukat Dr. Carlo Bisazza fil-kapaċita' tiegħu ta' mandatarju speċjali tas-soċjeta' Eden Isles Corporation Limited u l-imgħax bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena li jibda mid-data tan-notifika tar-Rikors Maħluf, *ossia* mis-17 ta' Ġunju 2022, sad-data tal-ħlas effettiv jitħallsu kollha kemm huma mis-soċjeta' konvenuta Bluebell B.V..

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**